

Brussell, 7 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14128/24

LIMITE

ELARG 122

NOTA PUNT "I"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
Nru. dok. preċ.	ST 13824/24
Suġġett:	TKABBIR - Negożjati ta' Adeżjoni mal-Albanija = Ġabra 1: Elementi fundamentali

1. Bil-ħsieb tat-tħejjija tal-laqgħa li jmiss tal-Konferenza mal-Albanija dwar l-Adeżjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE (COELA) laħaq qbil dwar abbozz ta' Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Ġabra 1: Elementi Fundamentali (inkluż il-Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-Riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kapitoli 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali, 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà, Kriterji ekonomiċi, il-Kapitoli 5 - Akkwist pubbliku, 18 - Statistika, 32 - Kontroll finanzjarju).
2. F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-arranġamenti interni għan-negożjati mal-Albanija (id-dokument 10380/1/2022 REV 1), il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden japprova l-Pożizzjoni Komuni kif tinsab fl-Anness.
3. Wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Pożizzjoni Komuni tal-UE ser titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Albanija qabel il-laqgħa li jmiss tal-Konferenza dwar l-Adeżjoni.

KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI

MAL-UNJONI EWROPEA

- ALBANIJA -

ABBOZZ

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-adeżjoni (AD 5/22 CONF-ALB 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Albanija jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;

kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 3, 5, 10, 14, 16, 31, 33, 36, 38, 39, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tħeġġeġ lill-Albanija biex tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija, fil-pożizzjoni tagħha AD 19/24 CONF-ALB 4 taċċetta l-*acquis* tal-UE taħt il-Ġabra 1 kif daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ottubru 2024 u li hija ser tkun lesta li timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

1. Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

L-UE tinnota li l-Albanija stabbiliet fl-ordni kostituzzjonali tagħha l-pedamenti ta' **stat demokratiku** u qed issegwi l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha u li l-qafas legali u istituzzjonali jippermetti proċess elettoralu demokratiku. L-UE tistieden lill-Albanija biex tindirizza diversi ambigwitaġiet u diskrepanzi legali enfasizzati mill-OSKE/ODIHR, kif ukoll rakkomandazzjonijiet konġunti oħra tal-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja. Il-leġislazzjoni dwar il-media fil-kampanji elettoralu, b'mod partikolari dwar id-diżinformazzjoni u l-pjattaformi online jeħtieġ li tissaħħaħ aktar. Dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettoralu, l-UE tiegħu nota pożittiva li r-reviżjoni tal-qafas leġislativ ipprevediet aktar trasparenza, iżda l-implimentazzjoni jeħtieġ li tiġi kkonsolidata.

L-UE tinnota li r-rwol tal-**assemblea** tal-Albanija kien qed jikkonsolida maż-żmien. L-UE tħeġġeġ aktar sforzi biex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà, l-integrità u l-effettività, inkluż fir-rigward tal-interazzjonijiet bejn il-Parlament u l-NGOs/OSĊ u fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet tiegħu. L-UE tfakkar li Parlament li jiffunzjona u li jeżerċita rwol leġislativ u ta' sorveljanza effettiva huwa pilastru ċentrali tal-proċess ta' adeżjoni. L-UE tfakkar fil-hteġa li l-Parlament ikun jista' jagħmel użu mill-mekkaniżmi kollha inkluż il-kumitati ta' inkjesta biex jissorvelja b'mod effettiv il-ħidma tal-Gvern. L-UE tissottolinja li djalogu politiku kostruttiv u inklużiv fil-parlament huwa kruċjali u fl-interess taċ-ċittadini Albaniżi. L-UE tinnota wkoll li minkejja li l-attività parlamentari qed tkompli tiġi affettwata b'mod negattiv mill-polarizzazzjoni politika, il-Parlament irnexxielu jadotta emendi leġislativi b'maġġoranza kbira bejn il-partiti biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE.

L-UE tissottolinja li b'mod ġenerali, il-qafas legali, regolatorju u istituzzjonali għall-**Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili** jinsab fis-seħħ, iżda huwa meħtieġ titjib biex jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas legali, b'mod partikolari għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni. L-UE tinnota li l-proċessi ta' konsultazzjoni jeħtieġ li jittejjbu biex isiru aktar inklużivi, biex tiżdied l-effettività u l-kwalità tagħhom, u li huma meħtieġa sforzi u riżorsi addizzjonali biex jiġi żgurat ambjent sostenibbli u abilitanti għas-soċjetà ċivili.

2. Riforma fl-amministrazzjoni pubblika

L-UE tinnota li l-Albanija hija moderatament imħejjija dwar il-**qafas strateġiku tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tagħha**. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tiżviluppa u tadotta f'waqthom l-istrateġiji l-ġodda tagħha għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika (PAR) u l-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika (ĠFP) biex tiżgura l-kontinwità tar-riformi. Għandhom jiġu żgurati l-konsistenza ġenerali tal-Istrateġija għall-PAR ma' dokumenti strateġiċi u ta' ppjanar ta' politika oħrajn, kif ukoll is-sostenibbiltà finanzjarja tar-riformi relatati mal-PAR. L-UE tissottolinja li s-sistema ta' koordinazzjoni tal-politika tibqa' kumplessa u għandha tiġi ssimplifikata u li l-koordinazzjoni u t-tmexxija politika għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riformi għandhom jissaħħu.

L-UE tissottolinja li l-Albanija hija moderatament imħejjija dwar l-**iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika** tagħha. Fil-qasam tal-iżvilupp tal-politika, il-leġiżlazzjoni hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija taġġorna l-qafas regolatorju tagħha biex ittejjeb l-ippjanar tal-politika fuq terminu medju, testendi l-użu tal-valutazzjoni tal-impatt regolatorju għal-leġiżlazzjoni sekondarja kollha u ssaħħaħ ir-rwol tas-sorveljanza parlamentari tal-gvern.

L-UE tinnota li l-leġiżlazzjoni dwar is-**servizz ċivili** tal-Albanija hija ġeneralment allinjata mal-prinċipji ewlenin ta' reklutaġġ, promozzjoni u tkeċċija bbażati fuq il-mertu u trasparenti. Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar ir-reklutaġġ u l-promozzjoni bbażati fuq il-mertu jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod konsistenti fil-livelli kollha fil-prattika. L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tirriforma s-sistema ta' remunerazzjoni tagħha biex tagħmilha aktar trasparenti u aktar ġusta bi kriterji ċari għal supplimenti u żidiet fis-salarji. L-UE tissottolinja li l-Albanija għandha wkoll tarmonizza u timplimenta s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi fl-istituzzjonijiet kollha.

L-UE tinnota li l-qafas legali attwali għall-**organizzazzjoni ta' korpi amministrattivi ċentrali** ma jipprovdi tipoloġija u kriterji ċari għall-ħolqien ta' korpi subordinati, u lanqas ma jiċċara linji ta' responsabbiltà bejn korpi superviżorji u subordinati. L-UE tistieden lill-Albanija biex tindirizza dan, kif ukoll biex issaħħaħ is-sorveljanza tal-aġenziji subordinati mill-ministeri rispettivi. L-UE tissottolinja wkoll li l-Albanija għandha ttejjeb it-trasparenza tal-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż billi ssaħħaħ l-aċċess għall-informazzjoni pubblika għaċ-ċittadini.

L-UE tfakkar li d-diġitalizzazzjoni hija t-triq lejn amministrazzjoni pubblika aħjar li tipprovdi servizzi elettroniċi aktar effiċjenti, effettivi u ta' kwalita għolja bi spejjeż u piż amministrattivi mnaqqsa għaċ-ċittadini u n-negozji. L-UE tieħu nota li l-Albanija wettqet proċess ambizzjuż ta' **diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi** biex bħalissa tkopri madwar 95 % tas-servizzi pubbliċi kollha. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiggarantixxi trattament ugwali u aċċessibbiltà għas-servizzi amministrattivi għaċ-ċittadini u n-negozji kollha. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-Albanija biex tkompli bl-isforzi dwar is-simplifikazzjoni tal-proċessi u s-servizzi amministrattivi u biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà. L-UE tieħu nota tal-pjanijiet tal-Albanija li tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-interoperabbiltà. Fid-dawl ta' dan, l-UE tfakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ ukoll l-interoperabbiltà transfruntiera permezz ta' qafas nazzjonali għall-interoperabbiltà li jkun allinjat bis-sħiħ mal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà bħala bażi għal servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli, iċċentrati fuq il-bniedem. L-UE tħeġġeġ lill-Albanija timmonitorja l-iżviluppi fl-*acquis* diġitali tal-UE, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji (ir-Regolament eIDAS), li bħalissa qed tiġi riveduta, sabiex jiġi stabbilit portafoll nazzjonali tal-identità diġitali.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha fis-seħħ qafas stabbilit sew għall-**ġestjoni tal-finanzi pubbliċi**. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija tkompli ttejjeb il-qafas baġitarju għall-perjodu medju u żżid il-kapaċitajiet istituzzjonali għall-monitoraġġ tar-riskji fiskali u ttejjeb il-ġestjoni tal-investment pubbliku. L-UE tħeġġeġ lill-Albanija biex tistabbilixxi Kunsill Fiskali sabiex tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-politiki fiskali fil-pajjiż.

3. Kapitolu 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali

L-UE tissottolinja li l-qafas leġislativ u istituzzjonali tal-Albanija għandu livell għoli ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti fil-**funzjonament tal-ġudikatura**. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tkompli tavvanza r-**riforma tal-ġustizzja** tal-2016 billi tkompli ssaħħaħ l-indipendenza tal-maġistrati u tas-sistemi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni, tikkonsolida r-responsabbiltà u l-integrità fil-livelli kollha, tiżgura l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-ġustizzja, u tiżgura t-tweqqif effiċjenti tal-ġustizzja f'konformità mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej.

L-UE tinnota l-avvanzi tal-Albanija fl-**indipendenza u l-imparzjalità** tas-sistemi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija li tkompli tiżviluppa l-kapaċità, l-indipendenza u l-effiċjenza tal-korpi awtonomi tal-ġudikatura u li tikkonsolida l-progress permezz ta' ħatriet ibbażati fuq il-mertu u l-avvanz fil-karriera, it-tisħiħ tat-trasparenza tal-promozzjonijiet, iż-żamma rigoruża u l-applikazzjoni bir-reqqa ta' kontrolli perjodiċi tal-integrità matul il-karriera ta' maġistrat. L-UE tinnota wkoll l-impenn tal-Albanija li ssegwi l-istandards għoljin stabbiliti mill-proċess ta' skrutinju u li tiżgura li r-regoli tal-allokazzjoni aleatorja tal-każijiet jiġu applikati b'mod effettiv fil-prattika. L-UE tinnota wkoll b'mod pożittiv il-pjanijiet tal-Albanija li tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja għal każijiet ta' interferenza interna u esterna. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li kemm l-eżekuttiv kif ukoll il-korp leġislattiv tal-Albanija jirrispettaw u jimplimentaw bis-sħiħ, bħala kwistjoni ta' prijorità, deċiżjonijiet vinkolanti tal-Qorti Kostituzzjonali. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija tiżgura l-oġhla standards ta' integrità, trasparenza u bbażati fuq il-mertu fil-ħatra tal-membri tal-korpi ta' awtoregolamentazzjoni u ta' korpi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni ewlenin oħra.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas legali u istituzzjonali li jiżgura regolamentazzjoni robusta tar-**responsabbiltà**. L-UE tinnota b'mod pożittiv l-implimentazzjoni tajba kontinwa tal-Albanija tal-proċess ta' skrutinju u l-pjan tagħha li tlesti b'mod ordnat il-proċess ta' skrutinju fl-iskadenzi kostituzzjonali, taħt is-sorveljanza tal-Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ. L-UE tissottolinja l-ħtieġa tal-Albanija li tkompli bit-tnedija ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin u prosekuturi akkużati b'imġiba kriminali matul il-proċess ta' skrutinju u l-importanza li jiġu applikati l-istandards għoljin stabbiliti mill-proċess ta' skrutinju. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija qed tippjana li tiżgura li s-servizzi ta' spezzjoni u l-istituzzjonijiet awtonomi, b'mod partikolari l-Ispettur Ġudizzjarju Għoli, il-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u l-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni, jippermettu b'mod konsistenti rekord solidu ta' responsabbiltà u integrità fis-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha. L-Albanija teħtieġ tiżgura l-oġhla livell ta' integrità u mertu fil-ħatriet ta' membri mhux maġistrati tal-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u tal-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni.

L-UE tinnota l-bażi tajba tal-Albanija għall-**kwalità u l-effiċjenza** tas-sistema ġudizzjarja. L-UE tinnota b'mod pożittiv il-pjan tal-Albanija li tiżgura biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji biex il-ġudikatura tkun tista' tiffunzjona b'mod sħiħ, effiċjenti u indipendenti u tiggarrantixxi d-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja. L-UE tissottolinja b'mod pożittiv il-pjan tal-Albanija li ssaħħa l-Iskola tal-Maġistrati, inkluż it-titjib tal-eżami tad-dħul abbażi tat-trasparenza u l-kompetizzjoni ġusta, biex toffri edukazzjoni ta' livell ogħla lill-maġistrati aspiranti. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li ttejjeb l-għodod tal-IT għad-dispożizzjoni tal-qrati, u tistieden l-istabbiliment f'waqtu ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-każijiet u l-mili kostanti tal-postijiet vakanti ġudizzjarji pendenti bħala kwistjoni ta' urġenza għall-effiċjenza tal-ġustizzja.

L-UE tinnota li l-qafas leġislativ u istituzzjonali tal-Albanija dwar **il-ġlieda kontra l-korruzzjoni** huwa parzjalment allinjat mal-*acquis* tal-UE. L-UE tinnota b'mod pożittiv xi kundanni finali dwar akkużi ta' korruzzjoni kontra uffiċjali għolja. Madankollu, l-UE tissottolinja li l-korruzzjoni hija prevalenti fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-ħajja pubblika u tan-negozju, inkluż fil-fergħat kollha tal-gvern u l-istituzzjonijiet ċentrali u lokali u tibqa' qasam ta' tħassib serju. L-UE tinnota wkoll li l-miżuri kontra l-korruzzjoni kellhom b'mod ġenerali impatt limitat s'issa, b'mod partikolari fis-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija biex temenda aktar il-qafas legali u istituzzjonali tagħha dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, biex tnaqqas il-komplessità tagħha u tiżgura l-effiċjenza tagħha. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tagħmel progress deċiżiv lejn l-indirizzar tal-impunità u n-natura ġeneralizzata u mifruxa tal-korruzzjoni, u tinnota b'mod pożittiv il-pjanijiet tal-Albanija biex issaħħa il-kapaċitajiet istituzzjonali u l-koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, tikkonsolida l-kapaċitajiet operazzjonali u umani tal-Prosekutur Speċjali għall-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (SPAK) u l-qrati tal-SPAK u lejn l-istabbiliment ta' rekord solidu fir-repressjoni sistemika tal-korruzzjoni, b'mod partikolari f'livell għoli, inkluż il-konfiska finali tal-assi. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li ssaħħa l-effiċjenza tal-qafas għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, inkluż billi tindirizza b'mod sistematiku u effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO). L-UE tinnota l-importanza li l-Albanija tiżgura li l-bidliet legali futuri għal-leġislazzjoni kriminali, inkluż amnestiji potenzjali, ikunu konformi mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej u jwasslu għall-pjan tal-pajjiż biex inaqqas il-korruzzjoni b'mod konsistenti.

L-UE tinnota li l-qafas legali u istituzzjonali tal-Albanija huwa parzjalment allinjat mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej dwar id-**drittijiet fundamentali** u tissottolinja li l-implimentazzjoni jeħtieġ li tissaħħaħ biex tiggarantixxi t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali fil-prattika, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet fundamentali.

L-UE tinnota li għadhom meħtieġa sforzi ulterjuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali fl-Albanija. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tallinja l-qafas legali tagħha dwar il-**protezzjoni tad-data personali** mal-*acquis* tal-UE u li ssaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali tal-Kummissarju għall-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data kif ukoll tal-kontrolluri pubbliċi u privati biex tiżgura infurzar effettiv tad-dritt, inkluż miżuri ta' sensibilizzazzjoni pubblika. L-UE tissottolinja l-pjan tal-Albanija li tinvestiga b'mod effettiv il-ksur tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, inkluż dawk fuq skala kbira.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, il-qafas legali u istituzzjonali tal-Albanija huwa parzjalment allinjat mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti u għadu meħtieġ titjib sinifikanti. L-UE tinnota b'mod pożittiv il-pjan tal-Albanija li tippermetti riforma profonda tal-qafas legali u regolatorju, u li tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni u ta' infurzar meħtieġa bl-għan li: tissaħħaħ it-trasparenza tas-sjieda tal-media, il-pluralità tal-media u l-indipendenza editorjali, tissaħħaħ it-trasparenza tal-finanzjament tal-media mir-riżorsi privati u statali, u tissaħħaħ l-awtonomija tar-regolatur tal-media u tal-indipendenza tax-xandar tal-istat. L-UE tinnota li l-atmosfera ta' attakki verbali u fiżiċi, kampanji ta' malafama u kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP) immirati lejn il-ġurnalisti ma tjibitx u għad trid tiġi indirizzata. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija tirrevoka bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet kriminali dwar l-insult u l-malafama u tallinja l-aspetti ċivili tal-malafama mal-istandards Ewropej. L-UE tissottolinja li ser ikun meħtieġ segwitu bir-reqqa sabiex il-miżuri u s-salvagwardji formali jiġu implimentati b'mod effettiv u jissarrfu f'titjib tanġibbli għas-sigurtà kif ukoll għall-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti. Kwalunkwe bidla fil-qafas legali jenħtieġ li tkun konformi mal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet Ewropej, inkluż l-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezia, u tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet inklużivi mal-organizzazzjonijiet tal-media u mas-soċjetà ċivili.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni fejn l-Albanija kisbet allinjament parzjali mal-*acquis* tal-UE, l-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija li tallinja bis-sħiħ il-qafas legali tagħha dwar in-nondiskriminazzjoni mal-*acquis* tal-UE u li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tiegħu, inkluż l-infurzar mill-Kummissarju għan-Nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-inklużjoni tal-LGBTIQ. L-UE tinnota wkoll il-pjanijiet tal-Albanija li tiżgura allinjament sħiħ mal-*acquis* tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż il-Konvenzjoni ta' Istanbul, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, biex tiżdied il-kapaċità istituzzjonali inkluż tal-korpi tal-ugwaljanza, u biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà ta' postijiet ta' kenn għall-vittmi tal-vjolenza. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha ta' miżuri inkluż l-allinjament tad-dispożizzjonijiet legali dwar in-nondiskriminazzjoni, il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-iżgurar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-UE tistieden lill-Albanija biex talloka riżorsi adegwati biex tiżdied il-kapaċità istituzzjonali u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-servizzi għal rimedju u assistenza lill-vittmi. L-Albanija timpenja ruħha li tkompli trawwem id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tħares u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-**drittijiet tat-tfal** billi tespandi d-disponibbiltà ta' servizzi bbażati fil-komunità bil-ħsieb li titnaqqas l-istituzzjonalizzazzjoni tat-tfal. L-UE tinnota l-importanza li l-Albanija tagħmel progress deċiżiv fit-tlestija tat-tranżizzjoni lejn kura bbażata fil-komunità, inkluż għat-tfal b'diżabilità. L-UE tissottolinja l-ħtieġa għal implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma biex jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal.

Rigward id-**dritt għall-proprjetà**, l-UE tinnota li l-Albanija adottat leġislazzjoni ta' implimentazzjoni dwar il-Liġi dwar il-katastri u l-Liġi dwar il-finalizzazzjoni tal-proċessi ta' sjieda tranżizzjonali, iżda għad fadal sfidi sinifikanti fl-implimentazzjoni. B'mod partikolari, skont il-Pjan Direzzjonali għall-kapitoli dwar l-Istat tad-Dritt, ser ikun hemm fis-seħħ sistema effiċjenti u trasparenti ta' reġistrazzjoni tal-proprjetà u ġestjoni integrata, li għandha toffri titoli ta' proprjetà ċari u siguri fl-Albanija, biex jiġi żgurat id-dritt għall-proprjetà permezz ta' servizz kompletament diġitalizzat fil-prattika sal-2030. F'dan il-kuntest, l-Albanija stabbiliet żewġ għanijiet interim għall-2026 u l-2028, rispettivament. L-ewwel għan jirrigwarda d-diġitalizzazzjoni tal-mapep katastali, filwaqt li t-tieni wieħed jikkonċerna t-tlestija tal-ewwel reġistrazzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE tenfasizza wkoll li l-Albanija trid tiżgura l-pubblikazzjoni tal-mapep katastali, f'konformità mal-proċess ta' diġitalizzazzjoni, li s'issa għadu limitat. Hija tenfasizza l-importanza li l-Albanija tiżgura wkoll li, ladarba jiġu ppubblikati l-mapep katastali individwali u l-parti interessata tippreżenta d-dokumenti meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà tagħha, l-Aġenzija tal-Katastri tal-Istat, kif definit fil-qafas legali tal-Albanija fis-seħħ, tipproċedi sal-iskadenza stabbilita ta' 45 jum bil-ħruġ ta' ċertifikat tal-proprjetà finali jew tinforma lill-parti interessata li l-proprjetà msemija qed tintalab ukoll minn partijiet terzi (kemm jekk statali kif ukoll jekk privati), sabiex il-parti interessata tkun tista' tirrikorri għall-ġustizzja. Barra minn hekk, l-UE tappella lill-Aġenzija tal-Katastri tal-Istat biex tistabbilixxi miżuri robusti kontra l-korruzzjoni permezz ta' Pjan għall-Integrità Kontra l-Korruzzjoni (AIP), li jirrifletti l-feedback tal-partijiet ikkonċernati bil-ħsieb li jittejbu t-trasparenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà fit-twassil tas-servizzi mill-2025 'il quddiem, kif previst fil-Pjan Direzzjonali għall-Kapitoli dwar l-Istat tad-Dritt. Tisottolinja wkoll li r-riċeviment ta' kjarifiki perjodiċi u bir-reqqa rigward l-implimentazzjoni tal-PIA jibqa' kruċjali. L-UE tenfasizza li l-"Aġenzija għat-Trattament tal-Proprjetà" għandha tiffunzjona wkoll bi trasparenza sħiħa. Hija tappella għall-istabbiliment ta' perjodu ta' żmien realistiku għall-eżekuzzjoni ta' kumpensi potenzjali li għandu jitlesta sal-2026, kif previst fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Istat tad-Dritt. F'dan ir-rigward, l-UE tappella lill-awtoritajiet Albaniżi biex jitrattaw ukoll il-kwistjoni ta' dokumenti ffalsifikati, kif deskritt fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, l-UE ttenni li reviżjoni tal-liġijiet dwar l-investiment f'konformità mal-aħjar prattiki tal-UE tibqa' kwistjoni tal-akbar prijarità li għandha tiġi indirizzata sal-2026, kif previst fl-Aġenda ta' Riforma tal-Pjan ta' Tkabbir. B'mod partikolari, tappella lill-awtoritajiet Albaniżi biex jiżguraw li l-esproprjazzjonijiet f'isem l-"interess pubbliku" jkunu akkumpanjati minn kumpensi ġusti lis-sidien leġittimi. Hija tenfasizza wkoll li proċess ċar ta' klassifikazzjoni tal-proprjetajiet (raba' li jinħadem jew art għall-kostruzzjoni) jgħin biex jiġu evitati klassifikazzjonijiet ħżiena jew kwalunkwe att ta' abbuż. L-UE tinnota il-pjan tal-Albanija li jiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva u li jiżgura implimentazzjoni konsistenti tas-sentenzi tal-qorti f'dan il-qasam, b'mod partikolari s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija li tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu lil **minoranzi**, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha u l-istandards Ewropej u internazzjonali, fost l-oħrajn billi tiżgura implimentazzjoni effettiva tal-qafas leġiżlattiv. Hija tkompli thegħgeġ lill-Albanija biex tadotta l-liġijiet amministrattivi ta' implimentazzjoni li fadal rigward l-awtoidentifikazzjoni u drittijiet relatati oħra u l-użu ta' lingwi ta' minoranzi nazzjonali fil-kuntatti tagħhom ma' korpi amministrattivi u awtoritajiet pubbliċi sa tmiem l-2024, kif previst fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Istat tad-Dritt. Hija tisħaq li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi ta' dawn il-liġijiet amministrattivi fit-territorju kollu għandhom ikunu konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabir ta' Diċembru 2023. Matul l-adozzjoni tal-liġijiet amministrattivi msemmija hawn fuq, l-UE tappella lill-awtoritajiet Albaniżi biex jiżguraw li d-dritt għall-awtoidentifikazzjoni libera jiġi rispettat kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali. L-UE tinnota wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali tal-Kumitat tal-Istat dwar il-Minoranzi Nazzjonali u l-awtoritajiet lokali. Fir-rigward tal-minoranza Rom u Eġizzjana, l-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija li tissodisfa l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Poznań fil-qasam tal-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u s-saħħa u li ssaħħaħ il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom. L-UE tistieden lill-Albanija biex talloka riżorsi nazzjonali adegwati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika u ssaħħaħ il-koordinazzjoni fil-qasam. Hija tinnota wkoll li l-Albanija għandha dispożizzjonijiet fis-seħħ li jippermettu lill-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jippreservaw u jiżviluppaw il-wirt kulturali tagħhom u jrawmu l-ġharfien tal-istorja tagħhom.

L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tiżgura allinjament sħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha mal-*acquis* tal-UE mal-adeżjoni biex tiżgura t-tgawdija sħiħa tad-**drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE**.

4. Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas legali u istituzzjonali fis-seħħ biex **tiġġieled il-kriminalità organizzata**, għalkemm jeħtieġ li jiġu adottati emendi għal dan il-qafas sabiex ikun hemm allinjament sħiħ mal-*acquis tal-UE* li jinkludi leġislazzjoni rigward il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus kif ukoll rigward l-irkupru u l-konfiska tal-assi. L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-Albanija mal-Istati Membri tal-UE, is-CEPOL, l-Europol u l-Eurojust, kif ukoll l-involvement attiv ħafna tagħha fl-EMPACT, qed jagħtu riżultati pożittivi. L-UE tinnota li dawn l-isforzi għandhom ikompli jissaħħu. L-UE tissottolinja wkoll li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi kkonsolidat ir-rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali u qbid u konfiska ta' assi relatati mal-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus, u kooperazzjoni internazzjonali proattiva u effettiva. L-UE tinnota li l-Albanija għandha tipprovdi riżorsi adegwati lill-istituzzjonijiet li jiġġieldu l-kriminalità organizzata. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li tiżgura li l-proċedimenti kriminali jkunu sistematikament akkumpanjati minn investigazzjonijiet finanzjarji mill-bidu nett u li tiżviluppa kapaċità biex tindirizza investigazzjonijiet finanzjarji kumplessi. L-UE tinnota wkoll l-impenn tal-Albanija li żżid il-qbid u l-konfiska tal-assi, biex tiffriża l-assi relatati ma' attivitajiet kriminali u tippromwovi l-użu mill-ġdid soċjali tagħhom.

L-UE tinnota li l-Albanija tneħħiet mil-lista tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) ta' ġurisdizzjonijiet soġġetti għal monitoraġġ miżjud wara s-sospensjoni tal-amnestija fiskali u l-programm ta' konformità volontarja mar-regoli tat-taxxa li kienu ppjanati. L-UE tinnota l-importanza li l-Albanija tiżgura li l-bidliet legali futuri fil-liġi kriminali, inkluż amnestiji potenzjali u programmi ta' konformità volontarja mar-regoli tat-taxxa, ikunu konsistenti mal-pjanijiet tal-pajjiż u javvanzaw il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jkunu f'allinjament mal-*acquis* rilevanti tal-UE u l-istandards internazzjonali, bħal dawk stabbiliti minn Moneyval u l-FATF.

L-UE tistieden lill-Albanija tadotta l-leġiżlazzjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa fil-qasam ta' **ċiberkriminalità**, u taderixxi għat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest biex tiġġieled iċ-ċiberkriminalità b'mod effettiv. L-UE tinnota li l-Albanija għandha tiżviluppa rekord sod fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trażżin ta' ċiberkriminalità, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' rispons tal-infurzar tal-liġi aktar effettiv li jiffoka fuq id-detezzjoni, it-traċċabbiltà u l-prosekuzzjoni ta' ċiberkriminali.

L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tikkriminalizza l-forom kollha tal-**abbuż sesswali tat-tfal**, u tistieden lill-Albanija tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni u l-prevenzjoni (inkluż il-prevenzjoni tal-vittimizzazzjoni mill-ġdid) tal-abbuż sesswali tat-tfal online u offline.

L-UE tinnota li hemm għadd kbir ta' armi tan-nar disponibbli fl-Albanija u tistieden lill-Albanija tnaqqas il-pussess illegali u t-**traffikar tal-armi tan-nar**. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-azzjonijiet tagħha mal-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għal kontroll aħjar tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) fil-Balkani tal-Punent. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li żżid l-isforzi tagħha għas-sensibilizzazzjoni, il-komunikazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-perikli u r-riskji relatati mal-użu ħażin, il-pussess illeċitu, u t-traffikar tal-armi tan-nar/SALW, kif ukoll it-tnaqqis tal-armi tan-nar illeċiti permezz tal-legalizzazzjoni, il-konsenja volontarja u d-diżattivazzjoni.

L-UE tinnota li l-Albanija hija pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni tat-**traffikar tal-bnedmin** u jeħtieġ li ssaħħaħ il-miżuri tagħha kontra t-traffikar b'enfasi fuq l-impatt sinifikanti fuq in-nisa u l-bniet. L-UE tissottolinja l-pjan tal-Albanija li ssaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija u l-protezzjoni tal-vittmi permezz ta' approċċ iċċentrat fuq il-vittmi li għandu jkun integrat aħjar u b'mod aktar konsistenti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. L-UE tissottolinja li l-Albanija teħtieġ tiżviluppa rekord sod ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjoni u kundanni finali f'dan il-qasam.

L-UE tinnota li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Albanija għandhom livell tajjeb ta' **kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi** mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE. L-UE tistieden lill-Albanija biex tadotta qafas strateġiku ġenerali fil-qasam tad-drogi. L-UE tissottolinja li lil hinn mill-adozzjoni ta' qafas formali, ser ikun kruċjali li l-Albanija turi approċċ strateġiku ġenerali għall-ġlieda effettiva u konsistenti kontra l-kultivazzjoni, il-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li ssaħħa u toperazzjonalizza l-qafas istituzzjonali tagħha, b'mod partikolari billi tistabbilixxi Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi u sistema nazzjonali operazzjonali ta' twissija bikrija dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda. L-UE tissottolinja l-ħtieġa tal-Albanija li tiżviluppa rekord sod ta' qbid u qerda ta' drogi, u ta' konfiska tal-assi korrispondenti.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas strateġiku, legali u istituzzjonali biex **tiġġieled it-terroriżmu**, li jeħtieġ emendi sabiex ikun allinjat bis-sħiħ mal-*acquis* tal-UE. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tipprovdi riżorsi adegwati, ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u dik internazzjonali, u ssaħħa il-ġestjoni ta' każijiet u l-mekkaniżmi ta' riferiment. L-UE tinnota l-isforzi li saru fil-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti (CVE), b'mod partikolari bil-konsolidazzjoni taċ-Ċentru CVE. Filwaqt li tfaħħar l-isforzi li saru, ir-radikalizzazzjoni fil-ħabs u t-tixrid ta' kontenut terroristiku online għadhom jeħtieġu attenzjoni. L-UE tinnota li l-kooperazzjoni reġjonali u l-iskambju ta' informazzjoni sensitiva mal-Europol u l-Istati Membri huma sodisfaċenti. L-UE tissottolinja li hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu indirizzati l-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari billi tittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet dwar il-finanzjament tat-terroriżmu. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija tinsab fil-proċess li temenda l-leġislazzjoni tagħha li tirregola l-użu tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għat-tiħiħ tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati kriminali serji li għandhom rabta mal-ivvjaġġar bl-ajru.

L-UE tinnota li l-Albanija timpenja ruħha li **tipproteġi l-infrastruttura kritika** billi tirrevedi l-qafas legali tagħha dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, ittejjeb il-kapaċitajiet għad-detezzjoni tal-infrastruttura kritika u tfassal kriterji għall-ġestjoni tagħhom, inkluż l-analiżi tar-riskju. L-Albanija għandha tiżgura l-introduzzjoni sigura tan-networks 5G flimkien mal-implimentazzjoni komprensiva tas-Sett ta' għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha l-prinċipji bażiċi tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali** minquxa fil-leġislazzjoni tagħha, iżda li huwa meħtieġ aktar allinjament mal-*acquis* tal-UE. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li ttrattat l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li fadal fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' The Hague dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum (2005). L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex iżżid il-kapaċità amministrattiva tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali.

Dwar il-**migrazzjoni**, l-UE tinnota li l-Albanija teħtieġ taġġorna l-Istrateġija Nazzjonali komprensiva tagħha għall-Migrazzjoni u l-pjan ta' azzjoni relatat tagħha u tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent ippreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2022. L-UE tissottolinja li l-Albanija teħtieġ ukoll tiżviluppa, timplimenta, tittestja u tiffinanzja b'mod adegwat il-pjan ta' kontinġenza f'każ ta' għadd sostanzjali ta' wasliet ta' migranti u applikanti għall-ażil. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li tadotta l-emendi meħtieġa fil-qasam tal-migrazzjoni legali biex tallinja ma' ċerti dispożizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, mal-permess uniku, u mal-bidliet reċenti dwar il-karta blu tal-UE. L-UE tistieden lill-Albanija biex tadotta emendi fil-qasam tal-migrazzjoni irregolari biex fost l-oħrajn tallinja mad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Ihaddem¹. L-UE tilqa' l-introduzzjoni mill-ġdid ta' setgħat investigattivi fi ħdan id-Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntieri u tal-Migrazzjoni. L-UE tinnota li l-persunal u l-kapaċità tad-Dipartiment jeħtieġ li jiżdiedu. L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni tal-Albanija mal-Istati Membri u mal-Frontex dwar ir-riammissjoni u l-operazzjonijiet ta' ritorn hija tajba ħafna. L-UE tistieden lill-Albanija tiżgura kapaċitajiet ta' akkoljenza adegwati u tapplika proċeduri ta' ritorn f'konformità mal-liġi dwar il-barranin u f'konformità mal-*acquis* tal-UE.

L-UE tinnota l-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil dwar it-tisħiħ tas-sistema nazzjonali tal-**ażil** u l-akkoljenza. L-UE tistieden lill-Albanija tagħmel implimentazzjoni ta' kwalità tal-liġi reċenti dwar l-ażil u tiżviluppa l-kapaċitajiet amministrattivi addizzjonali meħtieġa, filwaqt li tiżgura aktar allinjament mal-*acquis*. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tagħmel riferimenti sistematiċi għall-proċedura tal-ażil. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li tittratta lill-applikanti għall-ażil permezz ta' appoġġ u servizzi diretti tal-gvern. L-UE tinnota li l-kwistjoni ta' għadd kbir ta' ċittadini Albaniżi li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi fl-Istati Membri tal-UE għadha teħtieġ sforzi kontinwi u sostnuti.

¹ Id-Direttiva 2009/52/KE

L-UE tinnota li l-**politika** tal-Albanija **dwar il-viżi** għadha mhijiex allinjata bis-sħiħ ma' dik tal-UE. L-UE tfakkar li t-tneħħija temporanja tar-rekwiżiti ta' viża mhijiex konformi mal-*acquis* tal-UE. L-UE tinnota li l-Albanija fasslet pjan biex tallinja l-politika tagħha dwar il-viżi mal-UE u tistieden lill-Albanija biex issegwi dan fil-ħin. L-UE tinnota wkoll li s-sistemi ta' informazzjoni tal-Albanija ser jeħtieġu adattamenti tekniċi addizzjonali biex jikkonformaw mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS).

L-UE tieħu nota tal-kooperazzjoni operattiva tajba u kontinwa mal-Frontex dwar is-sorveljanza fil-fruntieri permezz tal-Operazzjoni Konġunta skjerata sa mill-2019, fir-rigward ta' **Schengen u Fruntieri Esterni**. L-UE tfakkar li parti mill-*acquis* ta' Schengen ser japplika biss fl-Albanija wara deċiżjoni tal-Kunsill li jneħħi l-kontrolli minn fuq persuni fil-fruntieri interni meħuda abbażi tal-evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli tal-istat ta' tħejjija tal-Albanija, b'kont meħud ta' rapport tal-Kummissjoni li jikkonferma li l-Albanija tkompli tissodisfa l-impenji mittieħda fin-negozjati tal-adeżjoni li huma rilevanti għall-*acquis* ta' Schengen. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tindirizza r-rata għolja ta' bidliet fl-uffiċjali fil-fruntiera.

Rigward l-**iffalsifikar tal-euro**, l-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li ssegwi aktar skambji ta' informazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-Europol u l-Bank Ċentrali Ewropew, skont il-ftehimiet ta' kooperazzjoni rispettivi dwar il-protezzjoni tal-munita tal-euro kontra l-iffalsifikar.

5. Kriterji ekonomiċi

L-UE tinnota li l-Albanija tinsab fit-triq it-tajba biex issir **ekonomija tas-suq li tiffunzjona**. L-UE tinnota li l-Albanija qed tavvanza fil-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni. L-UE tissottolinja l-kunsens domestiku wiesa' kontinwu dwar l-elementi fundamentali tal-politika ekonomika inkluż rwol limitat tal-istat fl-ekonomija u impenn politiku għal-liberalizzazzjoni tas-suq. L-UE tinnota li minkejja li sar xi progress f'dan il-qasam fl-aħħar snin, is-sigurtà legali dgħajfa, il-livell għoli ta' attività ekonomika informali, il-livell baxx ta' żvilupp tas-settur finanzjarju u d-diffikultajiet bir-reġistrazzjoni tat-titoli tal-art ikomplu jillimitaw il-funzjonament effettiv tal-ekonomija tas-suq, li huwa rifless f'konverġenza bil-mod u tkabbir flivell inqas minn dak potenzjali. L-UE tistieden lill-Albanija tindirizza b'mod sistematiku u bir-reqqa kemm ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-UE li jinsabu fil-pakketti suċċessivi tat-tkabbir kif ukoll il-gwida politika maqbula b'mod konġunt fil-kuntest tal-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent kif ukoll tal-impenji li ġejjin skont il-Pjan ta' Tkabbir, li għandhom jgħinu lill-Albanija tissodisfa l-kriterji ekonomiċi. Minkejja li għad fadal lakuni sinifikanti meta mqabbla mal-livelli reġionali u Ewropej, l-UE tissottolinja li l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport tal-Albanija, id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-eżiti tal-edukazzjoni tjiebu ħafna. L-UE tinnota wkoll li l-investiment fl-oqsma kollha tal-infrastruttura fiżika jeħtieġ li jkompli flivell għoli, ikkomplementat minn titjib fil-ġestjoni tal-investiment pubbliku u r-riformi ta' governanza. L-UE tistieden lill-Albanija biex ittejjeb il-kompetittività tagħha, li bħalissa hija mxekkla minn nuqqas ta' għarfien espert intraprenditorjali u teknoloġiku, ħtiġijiet ta' investiment mhux issodisfati fl-iżvilupp tal-bniedem, u nfiq persistentement baxx fuq ir-riċerka u l-iżvilupp permezz ta' kwalità u livelli oġhla ta' eżiti tal-edukazzjoni, u inċentivi biex isir investiment fir-riċerka. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex iżżid il-kopertura u l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali u l-assigurazzjoni tas-saħħa biex tnaqqas is-sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar biex tippermetti żvilupp ekonomiku inklużiv u soċjalment ibbilanċjat.

6. Kapitolu 5 - Akkwist pubbliku

L-UE tinnota l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-*acquis* tal-UE fil-qasam tas-**setturi klassiċi u tal-utilitajiet**. L-UE tistieden lill-Albanija biex tirrieżamina l-limiti minimi għall-kuntratti ta' provvisti u servizzi biex tallinja l-perjodi minimi applikati fil-proċeduri ta' akkwist, kif ukoll l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' appelli, mad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku. L-UE tinnota wkoll li fil-qasam tal-konċessjonijiet, l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-*acquis* tal-UE. L-UE tistieden lill-Albanija biex tallinja ruħha aktar biex tindirizza fost l-oħrajn kwistjonijiet bħal proposti mhux mitluba, riskju operattiv, kamp ta' applikazzjoni leġiżlattiv. L-UE tissottolinja l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-*acquis* tal-UE fil-qasam tal-**akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża**.

L-UE tinnota t-tnejnija moderata tal-Albanija f'termini tal-**kapaċità ta' implimentazzjoni u infurzar** fl-akkwist pubbliku. L-UE tissottolinja li s-sistema tal-akkwist pubbliku għandha tpoġġi aktar enfasi fuq it-trasparenza, l-integrità u l-kompetizzjoni fl-operazzjonijiet tal-akkwist minbarra l-effiċjenza. L-UE tistieden lill-Albanija biex issaħħaħ l-appoġġ lill-awtoritajiet kontraenti permezz tal-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku biex tkompli ttejjeb il-funzjonament tas-sistema tal-akkwist pubbliku.

L-UE tissottolinja l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mad-Direttiva dwar ir-**Rimedji**. L-UE tinnota li l-implimentazzjoni tal-Albanija ta' sistema komprensiva ta' appelli elettroniċi u ta' ġestjoni tal-ilmenti elettroniċi għas-sottomissjoni u l-ġestjoni elettronika tal-każijiet żgurat livell għoli ta' trasparenza u tejbet l-ipproċessar f'waqtu tal-ilmenti. L-UE tistieden lill-Albanija biex ittejjeb il-kapaċità tal-Kummissjoni għall-Akkwist Pubbliku biex tittratta għadd kbir ta' lmenti.

7. Kapitolu 18 - Statistika

L-UE tinnota li l-**infrastruttura tal-istatistika** tal-Albanija hija parzjalment konformi mal-*acquis* tal-UE. L-UE tistieden lill-Albanija biex talloka riżorsi adegwati għas-settur tal-istatistika sabiex jinkiseb allinjament sħiħ mal-*acquis* tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija implimentat il-**klassifikazzjoni ewlenija tal-UE** bi gradi differenti ta' konformità mal-*acquis*. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura l-ħidma ulterjuri meħtieġa dwar ir-reġistri tal-istatistika biex tiżgura konformità sħiħa mal-*acquis* tal-UE.

L-UE tissottolinja l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-*acquis* tal-UE dwar l-**istatistika settorjali**. L-UE tistieden lill-Albanija biex tagħmel aktar progress fl-oqsma statistiċi kollha sabiex jintlaħaq allinjament sħiħ.

8. Kapitolu 32 - Kontroll Finanzjarju

L-UE tinnota li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-*acquis* tal-UE dwar il-**kontroll intern tal-finanzi pubbliċi** u li l-qafas leġislattiv tal-Albanija huwa ġeneralment allinjat mal-istandards tal-UE. L-UE tissottolinja li s-sistema ta' kontroll intern hija biss parzjalment effettiva u r-responsabbiltà maniġerjali tibqa' limitata fil-prattika. L-UE tistieden lill-Albanija ttejjeb l-implimentazzjoni ta' kontroll intern effettiv u ssaħħaħ il-monitoraġġ mill-Unità Ċentrali għall-Armonizzazzjoni.

L-UE tistieden lill-Albanija żżid l-impatt tal-**funzjonijiet tal-awditu** intern u estern biex tikkonforma bis-sħiħ mal-istandards u l-prinċipji professjonali tal-UE.

L-UE tistieden lill-Albanija tallinja bis-sħiħ il-leġislazzjoni nazzjonali tagħha mad-Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-**interessi finanzjarji tal-UE** permezz tal-liġi kriminali.

L-UE tistieden lill-Albanija tistabbilixxi formalment u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-**protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar**.

* * *

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tnejjiet tal-Albanija, l-UE tinnotta li bil-fehim li l-Albanija għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu u l-istandards Ewropej rilevanti koperti mill-Ġabra 1, jeħtieġ li jintlaħqu l-*punti ta' riferiment interim* li għejjin qabel ikunu jistgħu jittieħdu l-passi li jmiss fil-proċess ta' negozjati tal-ġabra:

- fuq livell orizzontali għall-Ġabra 1 l-Albanija tiżgura monitoraġġ mill-qrib u permanenti tal-implimentazzjoni sostnuta tal-pjanijiet direzzjonali dwar l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi permezz ta' mekkaniżmu robust u multidixxiplinari, b'attenzjoni partikolari għall-adegwatezza tar-riżorsi umani u finanzjarji, il-kapaċità istituzzjonali, ir-rispett tal-iskadenzi stabbiliti, u djalogu attiv mas-soċjetà ċivili.

Kapitolu 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali

L-Albanija tkompli timplimenta r-riforma komprensiva tagħha tal-ġustizzja, billi tikseb titjib fl-imparzjalità, l-indipendenza, ir-responsabbiltà, il-professjonaliżmu, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment ladarba:

- Timplimenta b'mod tajjeb u kontinwu r-riforma tal-ġustizzja, li għandha tiġi kkonsolidata f'konformità mal-*acquis* rilevanti tal-UE u l-istandards Ewropej, inkluż billi jissaħħu aktar il-kapaċità, l-effettività u l-indipendenza, inkluż il-prinċipji ta' integrità, mertu u trasparenza, tal-korpi awtogovernattivi tal-ġudikatura, b'mod partikolari l-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u l-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni, inkluż fil-ħatra tal-membri tagħhom;
- Issaħħaħ l-indipendenza u r-responsabbiltà permezz tat-tlestija ordnata tal-proċess ta' skrutinju, taħt is-sorveljanza tal-Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ u ladarba jkollha responsabbiltà u integrità sostnuta fis-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha wara l-iskrutinju mill-Ispettur Ġudizzjarju Għoli u l-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u l-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni b'kapaċità tajba, inkluż permezz ta' evalwazzjonijiet bir-reqqa, verifika sistematika u effettiva tad-dikjarazzjonijiet tal-assi b'mod konsistenti mal-istandards għoljin stabbiliti permezz ta' skrutinju, applikazzjoni konsistenti ta' ħatra u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu u reżiljenza sistemika żgurata tas-sistema ġudizzjarja għal tentattivi ta' influwenza indebita interna u esterna;

- Ittejjeb il-kwalità tal-ġudikatura, inkluż billi tnaqqas b'mod sinifikanti x-xogħol b'lura fl-evalwazzjoni billi tilħaq żewġ terzi tal-projezzjonijiet tal-ippjanar annwali bbażati fuq kriterji oġġettivi b'elementi kwalitattivi u kwantitattivi, tавvanza b'mod sinifikanti l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' deċiżjonijiet motivati, ittejjeb il-kwalità tat-taħriġ inizjali u kontinwu, issaħħaħ l-Iskola tal-Maġistrati, b'mod partikolari billi tiżgura l-integrità u l-kwalità tal-persunal tat-tagħlim u billi ttejjeb l-kapaċità u l-eżami ta' ammissjoni;
- Ittejjeb gradwalment l-effiċjenza u l-prestazzjoni tal-Qrati u tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni u tippromwovi servizzi tal-ġustizzja ta' kwalità, inkluż żminijiet iqsar għat-tlestija, tnaqqis tal-każijiet pendenti, mili ta' madwar nofs il-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji u żieda fil-persunal ta' appoġġ, filwaqt li tagħmel biżżejjed investimenti fil-baġit ġudizzjarju biex tkopri b'mod adegwat il-ħtiġijiet ġudizzjarji, inkluż l-infrastruttura, lejn il-medja tal-UE, il-promozzjoni ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u l-istabbiliment ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi li tiffunzjona tajjeb.

L-Albanija tagħmel aktar progress sinifikanti fl-indirizzar u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni.

B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba:

- Issaħħaħ il-kapaċitajiet operazzjonali u kkonsolidat ir-riżorsi finanzjarji u umani tal-korpi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni u tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji ordinarji fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- Tagħmel progress tanġibbli fil-livelli kollha lejn rekord sod ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni, b'mod partikolari kundanni finali f'livell għoli, inkluż il-qbid u l-konfiska tal-assi;
- Issaħħaħ l-effiċjenza tal-qafas ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni, inkluż billi tagħmel progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO, tiżgura l-verifika effettiva tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u billi tikkonkludi b'mod konsistenti investigazzjonijiet amministrattivi b'sanzjonijiet rilevanti u riferiment għall-prosekuzzjoni;

L-Albanija tkompli ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-prattika. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba:

- Tadotta u tibda timplimenta r-riforma tal-protezzjoni tad-data f'konformità mal-*acquis* tal-UE, inkluż l-implimentazzjoni ta' rispons sistematiku u salvagwardji effettivi għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali;
- Issaħħaħ il-libertà tal-espressjoni, inkluż il-libertà tal-media, fost l-oħrajn permezz ta' qafas leġiżlattiv u regolatorju riformat f'konformità mal-istandards Ewropej, l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet u miżuri konkreti biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-ġurnalisti;
- Issaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali, inkluż il-korpi tal-ugwaljanza, tiżgura allinjament leġiżlattiv mal-*acquis* tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u ttiprovdi mekkaniżmi effettivi għal rimedju u assistenza lill-vittmi u li dawn jiġu żgurati fil-maġġoranza mill-baġit tal-istat;
- Issaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni tat-tfal, bl-aħjar interess tat-tfal bħala l-prinċipju gwida, inkluż fir-rigward ta' tfal imċaħħda mill-kura tal-ġenituri jew b'diżabilità, b'mod partikolari t-tlestija tat-tranżizzjoni lejn kura bbażata fil-komunità;
- Tagħmel progress deċiżiv lejn l-istabbiliment ta' reġistrazzjoni effiċjenti u trasparenti tal-proprjetà u sistema ta' ġestjoni integrata, li toffri titoli ta' proprjetà ċari u siguri u lejn servizz kompletament diġitalizzat fil-prattika mhux aktar tard minn meta indikat fl-impenji rilevanti tal-Albanija kif meħuda fil-Pjan Direzzjonali tal-Istat tad-Dritt. Tagħmel progress deċiżiv biex jiżgura li d-data katastali kollha, inklużi t-titoli tas-sjieda u l-mapep katastali, tiġi diġitalizzata u aġġornata bir-reqqa biex sistematikament jitneħħew id-data u l-ilmenti sovrapposti jew mhux preċiżi jiġu ttrattati b'mod effiċjenti, u lejn it-tlestija tal-ewwel reġistrazzjoni tal-proprjetajiet mhux aktar tard minn meta indikat fl-impenji rilevanti tal-Albanija kif meħuda fil-Pjan Direzzjonali tal-Istat tad-Dritt. Tnaqqas il-kawżi pendenti fil-qorti dwar kawżi ta' proprjetà u tinforza b'mod effettiv is-sentenzi tal-qorti;
- Tadotta d-digrieti relatati mal-awtoidentifikazzjoni ħielsa u l-użu tal-lingwi ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi kif previst fil-Pjan Direzzjonali tal-Istat tad-Dritt, u f'konformità mal-istandards Ewropej u ssaħħaħ il-kapaċità ta' implimentazzjoni, inkluż tal-Kumitat dwar il-Minoranzi Nazzjonali u r-riżorsi tiegħu;
- Issaħħaħ l-allinjament tal-qafas leġiżlattiv tagħha mal-*acquis* tal-UE dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza.

Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà

L-Albanija tagħmel progress tanġibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba:

- Tallinja ruħha aktar mal-*acquis* tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus, kif ukoll l-irkupru u l-konfiska tal-assi;
- Tagħmel progress tanġibbli lejn rekord sod ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u kundanni finali fl-oqsma kollha tal-kriminalità serja u organizzata (inkluż it-traffikar tal-bnedmin u l-abbuż sesswali tat-tfal, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-armi, it-traffikar tad-drogi), il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
- Turi prattika kredibbli u konsistenti tat-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji paralleli meta jiġu ttrattati l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus.
- Tagħmel progress tanġibbli lejn rekord sod fil-qbid u l-konfiska finali tal-assi, b'uffiċċju għall-irkupru tal-assi kompletament operattiv responsabbli għall-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi kriminali, kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali;
- Tagħmel progress sostanzjali fl-eliminazzjoni tan-networks tat-traffikar tal-bnedmin, b'enfasi fuq l-impatt sinifikanti fuq in-nisa u l-bniet.

L-Albanija ssaħħa l-isforzi tagħha fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba:

- Tistabbilixxi Sistema Nazzjonali ta' Twissija Bikrija li tiffunzjona u li jkollha biżżejjed riżorsi u Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi, u tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-*acquis* tal-UE dwar id-drogi u l-prekursuri tad-droga;
- Tagħmel progress tanġibbli lejn rekord sod ta' sekwestri ta' drogi, qerda u konfiska ta' assi korrispondenti, filwaqt li tiżgura li jkun hemm infurzar qawwi ta' ksur kontra l-kultivazzjoni legali tal-kannabis.

L-Albanija tagħti rżultati konkreti sostanzjali fl-oqsma tal-migrazzjoni legali u irregolari, u l-ażil, u dwar kwistjonijiet relatati mal-*acquis* ta' Schengen u l-fruntieri esterni, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba:

- Tiżgura kapaċitajiet suffiċjenti u sostnuti ta' ġestjoni tal-fruntieri u ammont adegwat ta' persunal għall-ġestjoni tal-flussi mħallta ta' migrazzjoni, inkluż kapaċitajiet ta' akkoljenza suffiċjenti, mezzi effiċjenti biex jitwettqu r-ritorni, pjanijiet għall-ġestjoni ta' aktar wasliet, f'konformità mal-istrateġiji eżistenti ta' migrazzjoni fis-seħħ, kif ukoll allinjament akbar fil-politika dwar il-viżi abbażi ta' pjan konkret;
- Tagħmel progress sostanzjali fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti;
- Tiżgura li jkun hemm proċedura tal-ażil li tiffunzjona skont l-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej, bl-istat joffri s-servizzi meħtieġa lill-applikanti għall-ażil.

* *

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tnejjiet tal-Albanija, u soġġett li l-Albanija tissodisfa l-punti ta' riferiment interim dwar il-kapitoli dwar l-istat tad-dritt, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Albanija għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu kopert mill-kapitoli li ġejjin, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kondizzjoni addizzjonali stabbilita fil-punti ta' riferiment ulterjuri definiti għall-Ġabra 1, dawn jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba l-UE taqbel li jkunu ntlaħqu l-punti ta' riferiment li ġejjin:

Kapitolu 5 - Akkwist pubbliku

- L-Albanija tallinja bis-sħiħ il-qafas legali nazzjonali tagħha mal-*acquis* tal-UE fir-rigward tal-oqsma kollha tal-akkwist pubbliku, inkluż il-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-konċessjonijiet u s-sħubijiet pubbliċi-privati, u l-ftehimiet internazzjonali li jeżentaw ċertu akkwist mir-regoli tal-akkwist pubbliku, f'konformità mat-Trattat tal-KE, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-*acquis* tal-UE;
- L-Albanija tistabbilixxi kapacià amministrattiva u istituzzjonali adatta fil-livelli kollha u tiegħu miżuri adegwati sabiex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar adatti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam fi żmien adegwat qabel l-adeżjoni;
- L-Albanija turi rekord sod ta' sistema tal-akkwist pubbliku ġusta u trasparenti, li tipprovdi valur għall-flus, kompetizzjoni u salvagwardji b'saħħithom kontra l-korruzzjoni.

Kapitolu 18 - Statistika

- L-Albanija tippreżenta data ewlenija dwar il-makroekonomija (kontijiet nazzjonali u SFG /PDE) f'konformità mal-metodoloġija tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (ESA) 2010, kif ukoll il-programm ta' trażmissjoni tal-ESA 2010, ir-rekwiżiti ta' notifika tal-PDE u rekwiżiti rilevanti oħra flimkien mad-deskrizzjoni dettaljata meħtieġa tal-metodoloġija użata u li l-Eurostat ikun diġà vverifika d-data u d-deskrizzjonijiet ippreżentati u jkun diġà kkonferma l-allinjament xieraq mar-regoli tal-UE fir-rigward tal-puntwalità, il-kompletezza, il-koerenza, it-trasparenza u l-akkuratezza;
- L-Albanija tadotta pjan direzzjonali għal: (i) l-għeluq ta' kwalunkwe lakuna li jifdal fit-tabelli kollha tal-ESA 2010, (ii) it-trażmissjoni ta' kwalunkwe tabella li jifdal mill-Programm ta' Trażmissjoni tal-ESA 2010, (iii) l-għeluq ta' kwalunkwe lakuna li jifdal fl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta flimkien mat-tabelli tal-PDE, u (iv) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni metodoloġika li jifdal. L-Eurostat jikkonferma r-rilevanza tal-pjan direzzjonali.

Kapitolu 32 - Kontroll Finanzjarju

- L-Albanija tistabbilixxi kapaċità amministrattiva u istituzzjonali adatta fil-livelli kollha u tiegħu miżuri adegwati sabiex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar adatti tal-leġislazzjoni nazzjonali tal-kontroll intern tal-finanzi pubbliċi;
- L-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar (SAI) tal-Albanija tikkonforma mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI);
- L-Albanija tiżgura bażi legali komprensiva biex tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni tal-OLAF u kapaċità operazzjonali suffiċjenti għas-servizz nazzjonali tagħha ta' koordinazzjoni kontra l-frodi. L-Albanija timplimenta Strateġija Nazzjonali effiċjenti Kontra l-Frodi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. L-Albanija timplimenta koordinazzjoni effettiva tal-attivitajiet kontra l-frodi u rekord sod dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), dwar irregolaritajiet irrappurtati u każijiet ta' investigazzjoni li jinvolvu fondi tal-UE sabiex ikunu jistgħu jwettqu bis-sħiħ id-dmir tagħhom;
- L-Albanija timplimenta l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ġinevra tal-1929 għat-trażżin tal-falsifikazzjoni marbuta mal-munita, tallinja l-leġislazzjoni tagħha mal-*acquis* tal-UE dwar l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament tal-muniti tal-euro li mhumix tajba għaċ-ċirkolazzjoni u dwar l-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro.

* *

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu u l-istandards Ewropej rilevanti ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Albanija, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari r-rabtiet bejn din il-ġabra u ġabriet oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Albanija mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'din il-ġabra u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija biex tipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-*acquis* lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm *acquis* tal-UE ġdid bejn it-2 ta' Ottubru 2024 u l-konklużjoni tan-negozjati.
